MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-2 ta' Frar, 2005

Avviz Numru. 877/2000/1

**Elmo Insurance Agency Limited, in rappresentanza tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta estera Sun Alliance & London Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha John's Garage Ltd u l-istess John's Garage Ltd u b'nota tat-13 ta' Mejju 2004 is-socjeta' Elmo Insurance Limited bhala cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikruat taghha John's Garage Ltd assumiet l-atti.**

**Vs**

**Michael Bartolo**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici nomine et talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jkun ikundannat li jhallas lill-istess socjeta attrici nomine et is-somma komplessiva ta’ hames mija disgha u sebghin lira tmienja u tletin centezmu (Lm579.38c) in kwantu ghal erba’ mija disgha u ghoxrin lira tmienja u tletin centezmu (Lm429.38c) lis-socjeta’ attrici Elmo Insurance Agency Limited noe u in kwantu ghal mija u hamsin lira (Lm150) lis-socjeta’ attrici John’s Garage Ltd., in linea ta’ danni – mill-atturi sborsati – in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara l-Gzira fl-4 ta‘ April 2000, meta waqt li l-konvenut kien qed isuq l-vettura Nru. EAD 643 habat mal-vettura Nru. BBK 125 propjeta’ tas-socjeta’ attrici John’s Garage Ltd – prevja dikjarazzjoni li ghal dan l-incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta’ Mejju 2000 u dawk tal-ittra ufficjali presentata mal-avviz ghan-notifka tal-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, u bl-imghax legali mid-29 ta’ Mejju 2000, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 4 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi l-incident tat-traffiku meritu ta’ dan l-avviz ma’ garax tort u htija tal-eccipjenti li dak il-hin kien qed isuq il-vetura numru EAD 643 regolarment u skond ir-Regolamenti tat-Traffiku, izda gara tort u htija ta’ Franco Vella, is-sewwieq tal-vettura numru BBK 125, li dak il-hin u waqt li kien qed idur mar-roundabout li tinsab f’Sliema Road kantuniera mar-Regional Road, sejjer fid-direzzjoni ta’ San Giljan, habat mal-parti ta’ wara tal-vettura tal-eccipjenti u dana kif sejjer jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi stante li dan l-incident ma' garax tort u htija tal-eccipjenti l-ebda ammont ma' huwa dovut lill-atturi in linea ta' danni, u kwindi t-talbiet taghhom ghandhom jigu respinti bl-ispejjes.

3. Salve eccezzjonjiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi dan l-incident gara mar-'roundabout' tat-Triq Regjonali, fil-Gzira, fil-lokalita komunament maghrufa bhala fejn hemm "it-tank tal-gas". Fiz-zmien in kwistjoni, madwar l-istess 'round about' kien hemm, istallati dwal sabiex jirregolaw il-fluss ta' traffiku fl-istess lokalita. Ghandu jigi notat illi, fuq in-naha fejn gara l-incident hemm zewgt idwal tat-traffiku, wiehed sabiex taccedi fl-istess 'roundabout' u l-iehor, ftit il-quddiem sabiex iddur ma' din jew tkompli ssuq fid-direzzjoni tat-'tunnels' fl-istess triq sabiex tasal f'San Giljan. Mill-iskizz esebit in atti minn PS 513 Anthony Gerada (fol 13 tal-atti) wiehed jista' jara dawn iz-zewg 'traffic lights' in-naha ta' fuq, l-imsemmija 'roundabout' triq li minn San Gwann taccedi permezz taghha ghall-istess lokalita. Fuq l-istess skizz hemm murija vettura assikurata mas-socjeta attrici bin-numru BBK 125 misjuqa minn Franco Vella akkompanjat mill-Professur Lino Delia kif ukoll it-'truck/trailer' pjuttost twil, b''hymac' fuqu, aventi n-numru EAD 643 misjuq mill-konvenut. L-istess xhud spjega illi, meta kien fuq il-post, ma kienx ra '..hsarat fit-'trailer' izda kien hemm qiesu grif zghir fuq in-naha ta' wara tal-lemin tieghu'. In rigward il-hsarat fuq il-karozza misjuqa minn Franco Vella, jidher mill-istess skizz illi dan kien fuq quddiem vicin il-fanal tax-xellug. Mir-rapport sottomess mill-istess xhud, jidher li Franco Vella kien stqarr mieghu illi hu kien wieqaf vicin l-istess 'round about' meta fuq ix-xellug tieghu gie t-'trailer' kif deskritt, ghadda mal-genb tax-xellug tieghu u bin-naha ta' wara tieghu, tal-lemin laqat il-karozza in kwistjoni fuq quddiem fuq ix-xellug. Da parti tieghu, l-konvenut sostna,

illi, mill-mera tieghu, kien ra l-karozza misjuqa minn, Franco Vella waqt li din kienet warajh lejn il-lemin, u laqtet l-istess ‘trailer’ fuq il-lemin ta’ wara.

Ikkunsidrat

Illi Franco Vella (fol 39 et seq ibid) xehed li kien qed jsuq ghall-habta tad-9.00a.m. sabiex jmur lejn San Giljan u dar ‘mas-centre strip’. Mal-istess ‘roundabout’ kien hemm traffiku iehor u ghalhekk kien qed jsuq bil-mod u meta ra li l-ewwel dawl tat-traffiku kien kulur ahdar u ghalhekk kompla jsuq ghal distanza zghira sakemm ra li t-tieni dawk kien ta’ kulur ahmar. Ghalhekk hu waqaf wara vettura ohra ukoll wieqfa. Hawnhekk, hu spjega li fuq ix-xellug tieghu, ghadda ‘trailer’ u laqat il-karozza tieghu, kif di gja, premess, waqt li din kienet ghadha wieqfa. Dwar il-hsara fuq il-karozza misjuqa minnu, hu specifika li din giet kagunata minn gancijiet, bil-hsara ssir minn wara lejn quddiem. Fl-ahhar nett hu cahad li kien qed jissorpassa l-vettura li kienet quddiemu billi dar lejn ix-xellug. In rigward il-Professur Lino Delia (fol 44 et seq ibid) kkonferma dak li kien xehed Franco Vella fis-sens li meta gara dan l-incident, il-karozza li kien fiha kienet wieqfa meta ntlaqtet mit-‘trailer’ u dan minhabba li, quddiemhom, kien hemm vetturi ohra weqfin.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 47 u fol 48 ibid) meta xehed beda biex jghid li t-truck li kien qed jsuq, mghobbi b’’hymac’ ta’ madwar sittin tunnellata piz, kien twil madwar sittin pied (60’) u waqt li kien qed jsuq, fid-direzzjoni ta’ San Giljan, hu dejjem saq fuq il-‘lane’ tax-xellug u kif wasal mal-istess ‘roundabout’ fejn ra li d-dawl kien ahdar. Ghalhekk hu dar ma din ‘… vicin hafna r-‘roundabout’ minhabba it-tul tat-‘trailer. Kif kien qed jaghmel din il-manuvra, testwalment, hu qal ‘… gie s-sinjur li habat go fija minn naha ta’ barra tieghu sabiex jaqlaghni bejn l-istess ‘trailer’ u r-‘roundabout’ u b’hekk habat mat-trailer. Jigi, pero’, notat illi l-konvenut in kontro esami, spjega illi ‘… jiena mohhi kien fuq quddiem’ u ‘ Jiena ndunajt bil-vettura l-ohra mal-habta’ kif ukoll ‘… mistoqsi kif indunajt li l-vettura l-ohra

kienet qed taqlaghni bejni u bejn ir-‘roundabout’. Jiena nghid li dan hu ovvju …..’.

Ikkunsidrat

Illi mill-premess jidher evidenti li l-konvenut l-ewwel kien stqarr illi kien ra l-vettura mijsuqa minn Franco Vella fil-mera. Sussegwentement hu kien xehed illi l-istess Franco Vella kien ipprova jissorpassah billi jghaddi bejn it-‘trailer’ u r-‘roundabout’. Izda ukoll jidher mill-istess xhieda illi hu haseb illi gara dan (‘… dan hu ovvju’) stante li dak il-hin, meta saret il-habta hu kien ‘… mohhu kien fuq quddiem’. Dawn l-inasettezzi huma pjuttost gravi u jirrendu dak li stqarr u xehed l-istess konvenut bhala nieqes minn kredibilita’ u affidibilita’.

Illi, dan premess, jidher ukoll li dak li xehed Franco Vella, flimkien mal-Professur Lino Delia, hu kredibbli fis-sens li l-konvenut ghadda minn naha tax-xellug tal-karozza misjuqa mill-istess Vella u din waqt li kienet wieqfa intlaqtet, kif hawn fuq deskritt, milll-gancijiet imsemmija.

Illi hu ben saput illi fil-hin meta gara’ l-incident , il-lokalita’ in kwistjoni hi pjuttost traffikuza u l-Qorti kienet tistenna illi l-istess konvenut uza grad gholi ta’ kawtela waqt li kien qed jdur mal-imsemmija ‘round about’ konsiderat it-tul tat-‘trailer’ u l-piz tat-taghbija li kien qed jgorr. Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma illi l-konvenut hu resposnabbli ghal dan l-incident minhabba negligenza fis-sewqan da parti tieghu waqt li kienet qed jesegwixxi l-manuvra kif deskritta u li kienet tirrekjedi li issir b’hafna attenzjoni.

Ikkunsidrat

Illi in rigward il-‘quantum’ ta’ danni, li ma giex kontestat issir referenza ghax-xhud ta’ Joseph Mula (fol 21 et seq ibid) u d-dokumenti esebiti minnu. Minn dawn il-provi jidher li l-ammont pretiz fl-avviz hu gustifikat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, tilqa’ t-talbiet attrici u

1. Tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghal dan l-incident minhabba, imprudenza, imperijza, negligenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut.
2. Tillikwida l-ammont globali ta' danni fis-somma ta' Lm579.38,0 u;
3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta' Lm429.38,0 u lis-socjeta attrici, John's Garage Ltd, is-somma ta' Lm150 bl-imghax legali mid-29 ta' Mejju 2000, sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittri ufficjali tad-29 ta' Mejju 2000 u tal-11 ta' Lulju 2000, imsemmija fl-istess avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------